MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 157/2013

**Mark Anthony Borg**

**Vs**

**L-Awtorita` Ghat-Trasport F'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-Rikors ipprezentat minn **Mark Anthony Borg** fit-23 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi fis-sena elfejn u hdax (2011)l-appellant ottjena l-Licenzja tas-sewqan bi prova;*

2. *Illi l-appellant huwa proprjetarju tal-vettura tat-tip Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni KBP 825;*

3. *Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) waqt li l-appellant kien jinsab ix-xoghol, impjegat iehor li jahdem mal-appellant mas-socjeta O.K. Limited, ossia Ramon Vella, kellu bzonn juza vettura sabiex jaghmel qadja ghax-xoghol;*

4. *Illi stante li l-istess Ramon Vella ma kienx gie bil-vettura tieghu ghax-xoghol u stante li ma kienx hemm vannijiet tal-kumpanija disponibbli, l-appellant kien awtorizza lil Ramon Vella sabiex juza il-vettura tieghu;*

5. *Illi waqt li Ramon Vella kien bil-vettura tat-tip Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni KBP 825 appartenenti lill-appellant, kien hemm triq gewwa Hal-Qormi li* ***temporanjament*** *kienet one way u bi svista Ramon Vella ghadda minn din it-triq, liema triq solitament kien jghaddi minnha peress illi hija triq li minnha tista tghaddi minn main road ghal ohra;*

6. *Illi inoltre Ramon Vella bi zvista ma ndunax bil-Gwardjan Lokali u/jew bis-sinjali moghtija u/jew maghmula mill-Gwardjan Lokali;*

7. *Illi sussegwentement l-appellant ircieva l-avvizi tal-kontravvenzjonijiet li twettqu minn Ramon Vella u stante li dakinhar tal-kontravenzjonijiet il-vettura kienet qieghda tigi misjuqa minn Ramon Vella ghal ghanijiet relatati max-xoghol tieghu dawn il-kontravvenzjonijiet thallsu mis-socjeta O.K. Limited kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. A;*

8. *Illi permezz ta' ittra datata erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-appellant gie informat illi stante li allegatament kien ikkometta kontravenzjonijiet rilevanti tas-sewqan, kienu gew imposti numru ta' penali u konsegwentement gie mitlub sabiex jibghat l-kontroparti tal-Licenzja lill-Awtorita intimata sabiex jitnizzlu il-punti addattati (vide Dok. B);*

9. *Illi inoltre permezz ta' ittra datata erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-appellant gie nformat mill-Awtorita intimata li skond ir-regolament 41 tar-Regolamenti ta' l-2004 Dwar il-vettura bil-mutur (Licenzji tas-Sewqan), il-kontravvenzjonijiet tat-traffiku rilevanti li allegatament kkommetta l-appellant irrizultaw f'akkumulazzjoni ta' tnax jew izjed f'punti ta' penali fil-Licenzja tas-Sewqan bi Prova tieghu u konsegwentement giet revokata il-Licenzja tas-Sewqan (vide Dok. C);*

10. *Illi l-appellant ihossu aggravat bid-decizjonijiet tal-Awtorita u qed jinterponi dan l-umli appell ghar-ragunijiet segwenti:*
   a. *Illi d-decizjonijiet ta' l-Awtorita intimata huma fic-cirkostanzi irragjonevoli u mhux proporzjonali;*

*Kif jidher mis-suespost u kif ser jirrizulta ampjament mill-provi waqt il-kawza, l-kontravvenzjonijiet tat-traffiku li ikkometta l-appellant ma jakkumulawx tnax (12) –il punt stante li fil-hin u fil-waqt li twettqu l-kontravvenzjonijiet tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) is-sewwieq ma kienx l-appellant u l-appellant l-anqas kien riekeb fil-karozza. Konsegwentement dawn il-kontravvenzjonijiet ma gewx kommessi mill-appellant izda gew kommessi minn Ramon Vella;*

*Illi dawn il-kontravvenzjonijiet ma thallsux mill-appellant izda mis-socjeta O.K. Limited u dan peress illi l-vettura kienet qed tinstaq minn Ramon Vella ghal skopijiet relatati tax-xoghol ta' O.K. Limited;*

*Illi l-appellant accetta li jsiru tali hlasijet mis-socjeta O.K. Limited izda ma rrejalizzax illi ser jitnizzlu punti ta' penali fil-kontroparti tal-Licenzja tas-Sewqan bi prova u li a kawza taghhom kienet ser tigi revokata il-Licenzja tas-sewqan bi prova tieghu;*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet id-decizjoniet tal-Awtorita intimata huma irragjonevoli u mhux proporzjonali*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi l-appellant qed jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

*1. Pendente lite, jiddikjara ghal kull buon fini li qed jissospendi l-effetti ttad-decizjonijiet moghtija mill-Awtorita intimata u b'hekk pendente lite il-licenzja tas-sewqan biu prova ma tigix revokata;*

*2. Jiddikjara illi d-decizjonijiet tal-Awtorita intimat moghtija fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) in kwantu in-notamenti ta' punti ta' penali fuq il-Licenza tas-Sewqan bi prova u in kwantu ir-revoka ta' Licenza tas-Sewqan bi prova fil-konfront tal-appellant huma nieqsa mir-ragjonevolezza u mhux proporzjonali fid-dawl tal-fatti esposti;*

*3. Joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta datata erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) permezz ta' liemal-Awtorita intimata talbet l-kontroparti tal-Licenza tas-Sewqan bi prova tal-appellant sabiex jitnizzlu l-punti penali (Dok. B);*

*4. Joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta datata erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz taghha giet revokata il-Licenzja tas-Sewqan bi prova tal-appellant (Dok.C);*

*5. Jordna konsegwentement lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta sabiex ma tezigix il-konsenja tal-Licenzja tas-Sewqan tieghu u kif ukoll il-Kontroparti taghha;*

*6. Jordna kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-Risposta tal-**Awtorita` Ghat-Trasport F'Malta** ipprezentata fid-9 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi preliminarjament, in rigward tal-ewwel talba intavolata mir-rikorrent, bid-dovut rispett lejn dan l-Onorabbli Tribunal, dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux il-kompetenza u gurisdizzjoni sabiex johrog l-ordni mitlub mir-rikorrent pendente lite u r-rikorrent, permezz tal-imsemmija l-ewwel talba, qieghed jintenta juza r-rikors minnu intavolat biex jasal ghal rizultat li m'huwiex previst u mahsub ghalih mil-ligi u r-rimedju hekk mitlub seta' jintalab u jigi ottenut biss permezz tal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Ghalhekk din l-ewwel talba ghandha tigi sommarjament respinta.*

2. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita` esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Awtorita` imxiet korrettement u skont ir-regolamenti stabbiliti fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 u senjatament skont il-provvedimenti tal-Artikoli 40 u 41 tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja u s-Sitt Skeda tal-istess. Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent ma jistghux jigi akkolti.*

3. *Illi effettivament dak li qieghed jitlob ir-rikorrent huwa sabiex dan l-Onorabbli Tribunal jinjora u jwarrab il-provvedimenti tal-ligi (l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja 65.18) u jissostitwixxi minflok id-diskrezzjoni assoluta tieghu, xi haga li naturalment dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jaghmel. Dan l-Onorabbli Tribunal huwa vestit bil-gurisdizzjoni biex jara u jissindika jekk l-operat amministrattiv sarx u kienx skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi, kif effettivament gara fil-kaz odjern, izda ma jistax imur oltre minn hekk kif qed jitolbu jaghmel ir-rikorrent.*

4. *Illi l-kriterji ta' ragjonevolezza u proporzjonalita` ma jiffurmawx parti mill-kontestazzjoni mertu ta' dawn il-proceduri stante illi l-punti penali li jigu nflitti huma stabbiliti f'parametri cari fis-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 u huwa biss dak li hemm stipulat fl-imsemmija Sitt Skeda illi jghodd u japplika.*

5. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali u konformi mar-regolament 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 u ghandha tigi kkonfermata.*

6. *Illi oltre dan li jigi rilevat li l-prezentata ta' dawn il-proceduri ma toperax biex twaqqaf il-process u l-effetti kollha ta' dak kollu li huwa stipulat fil-fuq imsemmija regolamenti 40 u 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18."*

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 9 ta' Jannar 2014 fejn cahad li *pendente lite* jigu sospizi l-effetti tad-decizjoni tal-Awtorita` intimata;

Sema' lil Mark Anthony Borg,[1] lil Ramon Vella,[2] lill-Gwardjan 661 Stephen Borg u lil Christian Agius[3];

Ra d-dokumenti esebiti mir-rikorrent;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**IKKUNSIDRA**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'zewg decizjonijiet tal-Awtorita` intimata datati 4 ta' Settembru 2013 li kienu jghidu s-segwenti:-

---

[1] A fol. 30A sa 30D u minn fol. 56 sa 57
[2] A fol. 40 sa 43
[3] A fol. 52

***"Notamenti ta' punti ta' penali fuq il-licenzja tas-sewqan bi prova***

*Is-sistema tal-kompjuter taghna indikatilna li peress li int ikkommettejt kontravenzjoni rilevanti tas-sewqan, gew imposti fuqek numru ta' penali, li skond Regolament Numru 40 ta' 2004 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (Licenzji tas-Sewqan), ghandhom jigu mnizzla fil-Kontroparti tal-Licenzja tas-Sewqan bi Prova tieghek.*

*Sabiex il-punti penali addattati jitnizzlu fil-Kontroparti tal-Licenzja tas-Sewqan bi Prova tieghek, int mitlub(a) tibghat bil-posta l-Kontroparti tal-Licenzja (karta) tieghek fi zmien ghaxart ijiem mid-data ta' din l-ittra, lis-Sezzjoni tal-Licenzji tas-Sewqan, Direttorat ghat-Trasport ta' l-Art, Hornworks Ditch, Furjana FRN 1221. Flimkien mal-Kontroparti ehmez Cekk jew Ordni Postali ta' EUR6.00 f'isem 'Trasport Malta'.*

*Jekk ma tistax issib il-Kontroparti tal-Licenzja tas-Sewqan, int mitlub(a) li tigi l-ufficcji taghna biex tiffirma dikjarazzjoni li l-Kontroparti hi mitlufa.*

*Jekk int ma tobbligax ruhek ma' dan l-avviz, tkun qed tikkommetti ksur tas-subregolamenti 40(20) u (4) u jekk tigi misjub hati jew hatja, il-licenzja tas-sewqan tieghek tista' tigi revokata jew sospiza skond kif inhu xieraq mill-Qorti tal-Magistrati."*

***"Revoka ta' Licenzja tas-Sewqan bi Prova***

*Skont regolament 41 tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-vetturi bil-Mutur (Licenzja tas-Sewqan), il-kontravenzjonijiet tat-traffiku rilevanti li int ikkommettejt irrizultaw f'akkumulazzjoni ta' tnax jew izjed f'punti ta' penali fil-Licenzja tas-Sewqan bi Prova tieghek.*

*B'konsegwenza t'hekk, il-Licenzja tas-Sewqan bi Prova tieghek qieghda tigi revokata b'effett immedjat.*

*Ghalhekk int mitlub(a) sabiex tikkonsenja l-Licenzja bi Prova (plastic card) kif ukoll il-Kontroparti tal-Licenzja (karta) tieghek immedjatament, fis-sezzjoni tal-Licenzji tas-Sewqan, Direttorat ghat-Trasport ta' l-Art, Hornworks Ditch, Furjana, FRN 1221, mit-Tnejn sal-Gimgha mis-sebgha u nofs sa nofsinhar. Irid isir hlas amministrattiv ta' EUR6.00.*

*Jekk ma tobbligax ruhek ma' dan l-avviz billi tikkonsenja l-Licenzja msemmija, tittiehed azzjoni legali kontrik skond il-provedimenti relevanti fil-Ligijiet ta' Malta.*

*Din hija nota generata awtomatikament mill-kompjuter u ma jkollhiex firma."*

Illi **Mark Anthony Borg** spjega illi huwa jahdem mas-socjeta` OK Limited. Fil-25 ta' Lulju 2013 kien mar kollega tieghu, certu Ramon Vella, u talbu sabiex jisliflu l-karozza tieghu ghax ma kienx hemm vannijiet disponibbli u dakinhar ma kienx gie bil-karozza tieghu. Ix-xhud jispjega li selliflu l-karozza u wara ftit granet ircieva zewg citazzjonijiet, u cioe wahda ghax Ramon Vella ghadda *one way* u ohra talli ma waqafx lill-gwardjan lokali, liema citazzjonijiet jinsabu esebiti u mmarkati bhala Dok D. Jispjega li peress li dawn ic-citazzjonijiet kien qalaghhom Ramon Vella waqt il-hin tax-xoghol, l-istess citazzjonijiet gew imhallsin mis-socjeta` OK Limited. Jghid li sussegwentement kien ircieva d-decizjonijiet li kien qieghed jappella minnhom u li dwarhom kiteb kemm lill-Kummissarju tal-Gustizzja u kemm lill-Awtorita` intimata. Mistoqsi jekk ikkontestax id-decizjonijiet quddiem it-Tribunal jghid li le u jispjega li ladarba l-istess citazzjonijiet kienu indirizzati lill-*offender* huwa tahom lil Ramon Vella li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura fid-data u hin indikat fit-tahrikiet.

**Ramon Vella** xehed illi r-rikorrent huwa kollega tieghu tax-xoghol. Jispjega li fil-25 ta' Lulju 2013 kien issellef il-karozza tar-rikorrenti biex jaghmel qadja tax-xoghol gewwa Haz-Zebbug. Gara li kif kien ghaddej minn Hal-Qormi kien hemm konfuzjoni tat-traffiku u ra warden jaghmillu sinjal u hu baqa' ghaddej ghax ma fehemx is-sinjal tal-warden x'kien u ma setghax jieqaf fin-nofs. Jghid li sussegwentement ir-rikorrent kien ircieva c-citazzjonijiet, liema citazzjonijiet kienet hallsithom is-socjeta` li jahdem maghha.

**Il-Gwardjan Lokai 661 Stephen Borg** xehed illi fil-25 ta' Lulju 2013, il-persuna li kienet qed issuq il-vettura in kwistjoni ghaddiet *wrong way.* Jispjega illi l-istess triq kienet temporanjament *one way* peress li kienu qed isiru xi xogholijiet fl-

inhawi. Jghid li huwa hareg zewg *tickets* u cioe wiehed ghax is-sewwieq tal-vettura dahal *one way* u l-iehor ghaliex ma obdiex l-ordni li tah. Jispjega li hu ma jafx jekk min kien qed isuq kienx sid il-vettura jew le.

**Christian Agius**, jghid illi huwa u r-rikorrent kienu ilhom jahdmu flimkien tul ta' snin. Jispjega li r-rikorrent kellu xoghol ta' *financal controller/manager* u li dakinhar tac-citazzjonijiet huwa kien l-ufficju u ma jidhirlux li f'xi hin hareg mill-istess ufficju peress li dak iz-zmien kellu xi xoghol importanti ghaddej fuq xi kambjamenti fis-sistema tax-xoghol.

Illi t-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata waslet ghad-decizjoni taghha li tirrevoka l-licenzja ta' sewqan bi prova wara li gew akkumulati tnax-il punt ta' penali jew izjed fuq l-istess licenzja u dana a tenur tar-Regolament 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 (Regolamenti Dwar Vetturi Bil-Mutur (Licenzi tas-Sewqan). B'konsegwenza ta' dan il-licenzja tas-sewqan bi prova tar-rikorrent giet revokata b'effett immedjat.

Illi jekk wiehed jifli l-Avvizi ta' Kontravvenzjoni esebiti f'pagna 8 tal-process, u li rcieva r-rikorrent, isib li t-tnejn li huma huma indirizzati **"To The Offender"** fil-parti fejn suppost hemm indikat "Isem u Kunjom". Illi ghalhekk, dan l-avviz, ghalkemm ircevih ir-rikorrent, huwa ndirizzat suppost lil dik il-persuna li wettqet il-kontravvenzjoni. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent gab provi sodisfacenti illi ma kienx hu li kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni fid-data u hin tal-kontravvenzjonijiet imsemmija. Illi ghalhekk, dak li jrid jigi analizzat, huwa jekk l-Awtorita` intimata kinitx korretta meta hija rrevokat il-licenzja bi prova tar-rikorrent abbazi tal-punti penali imnizzla fuq l-istess licenzja u jekk l-istess punti ta' penali kienx korrett li jigu mnizzla fuq il-licenzja tas-sewqan tar-rikorrent.

Illi minn qari tar-Regolament 40 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 jirrizulta illi ghal kull kontravenzjoni ghandhom jigu imposti mill-Qorti tal-Magistrati jew

mill-Kummissarju tal-Gustizzja, skond il-kaz, punti ta’ penali kif jidher fis-Sitt Skeda tal-istess Regolamenti, u dawn jigu mnizzla fil-kontroparti tal-licenzja tas-sewqan bi prova li jkollu s-sewwieq.

Di piu`, jekk id-detentur tal-licenzja jammetti u jhallas il-penali, l-Awtorita` intimata ghandha tnizzel fuq il-kontroparti tal-licenzja tas-sewqan bi prova tas-sewwieq, il-punti ta’ penali minimi kif indikat fl-istess Sitt Skeda. Illi fil-kaz odjern, dan kien proprju li gara stante li malli r-rikorrenti ircieva l-Avvizi huwa ghaddihom lil Ramon Vella li da parti tieghu ghaddihom lill-Kumpanija li timpjegah li da parti taghha hallset il-multi rispettivi.

Illi l-istess Avvizi hargu a tenur tal-artikolu 14 (2) tal-Att Dwar il-Kummissarji ta-Gustizzja (Kap. 291) li jghid is-segwenti:

*“Kull uffiċjal tal-Pulizija u kull uffiċjal, awtorità jew persuna oħra li skont xi liġi kif issemma’ qabel ikunu responsabbli li jinfurzaw dik il-liġi, li fil-fehma tagħhom ikun sar xi reat bħal dak,* ***jistgħu jagħtu lil min jagħmel ir-reat avviż*** *li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat, il-penali li għandha titħallas, il-post fejn tista’ titħallas din il-penali, iż-żmien li fih jista’ jsir dan il-ħlas u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ ħlas:*

*Iżda jekk tkun ġiet użata vettura bil-mutur, dgħajsa jew oġġett ieħor biex isir ir-reat, dak l-avviż għandu jitqiegħed mal-windscreen jew parti oħra ta’ din il-vettura bil-mutur, dgħajsa jew oġġett ieħor:*

*Iżda wkoll meta ma jkunx prattikabbli li jingħata avviż, jew li jiġi mwaħħal kif imsemmi qabel,* ***l-avviż jista’ jiġi notifikat lil min jikser il-liġi*** *bl-istess mod bħal ma tista’ tiġi notifikata taħrika skont l-artikolu 6.”*

Illi ghalhekk johrog car illi l-persuni responsabbli mill-enforzar tal-ligi **jistghu jaghtu avviz lil min jaghmel ir-reat** u li l-istess avviz irid jigi notifikat **lil min jikser il-ligi** meta ma jkunx prattikabbli li jinghata dak il-hin stess li jkun twettaq ir-reat. U kien proprju ghalhekk li l-Avvizi *de quo* kienu indirizzati **“To**

**the Offender"** ghaliex il-ligi titkellem fuq "min jaghmel ir-reat" u mhux fuq f'isem min tkun registrata l-vettura. Ghaldaqstant, fil-kaz in ezami, la darba l-persuna li kisret il-ligi kienet Ramon Vella, ir-rikorrent ghandu ragun jargumenta li huwa ma messu qatt gie penalizzat billi jigu registrati l-punti penali fuq il-licenzja tas-sewqan tieghu bil-konsegwenza li din giet revokata. Illi l-hsieb tal-legislatur fir-rigward tal-licenzji bi prova kien li persuna li tkun ghadha kemm gabet il-licenzja ssuq b'aktar kawtela u huwa min jikser il-ligi biss li ghandu jigi penalizzat b'punti ta' penalita. Illi huwa rragjonevoli illi wiehed jimponi punti ta' penalita fuq licenzja tas-sewqan bi prova ta' individwu meta ma jkunx dak l-individwu li wettaq il-kontravvenzjonijiet. Ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ghandu ragun ihossu aggravat biz-zewg decizjonijiet mehuda fil-konfront tieghu mill-Awtorita` intimata u ghaldaqstant qieghed jannulla l-istess decizjonijiet.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jirrevoka d-decizjonijiet tal-Awtorita` intimata datati 4 ta' Settembru 2013 esebiti bhala Dokument B u Dokument C mar-rikors promutur u l-ordnijiet konsegwenzjali ghalihom.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ikunu a karigu tal-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------